# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.8

## Kap 4: Il-paċi sabiħa

## Lezzjoni 4.9: Ħbieb mill-ġdid.

### L-Għanijiet:

It-tfal :

1. Jifhmu kif wara ċ-ċelebrazzjoni tal-Maħfra, l-Ewwel Insara kienu jiċċelebraw l –Ewkaristija.

2. Jitgħallmu dwar kif twaqqaf is-sagrament tal-Ewkaristija.

3. Jagħrfu li wara li jqerru huwa importanti li jieħdu sehem fis-sagrament tal-Ewkaristija.

### Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- vidjow tal-Aħħar Ċena
- Karta ta' Taħriġ: 4.7
- Lirika tal-kanzunetta 'Nersqu lkoll hienja'

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal x'jiġri wara l-maħfra. Bil-mod il-mod asal għall-punt li permezz tal-maħfra nerġgħu ningħaqdu ma' Alla u għalhekk nistgħu nirċevuh.

- Staqsi lit-tfal f'liema sagrament aħna nirċievu lil Ġesù u jekk jafux meta twaqqaf dan is-sagrament.

- Spjega li matul din il-lezzjoni se jitgħallmu dwar is-sagrament tal-Ewkaristija.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Għid lit-tfal li dan is-sagramet tal-Ewkaristija twaqqaf minn Ġesù fl-Aħħar Ċena meta kien mal-appostli.

- Uri l-vidjow tal-Aħħar Ċena. Agħmel enfasi fuq il-fatt li Ġesù bidel il-ħobż u l-inbid fil-ġisem u d-demm tiegħu. Għidilhom li dan Ġesù għamlu sabiex iħallilna tifkira tiegħu.

- Jekk ikun hemm bżonn erġa' uri l-vidjow u ħalli ftit ħin għall-mistoqsijiet u diskussjoni qasira. Għid lit-tfal li kull darba li huma jitqarbnu jkunu qegħdin jirċievu lil Ġesù ġewwa fihom.

- Fakkar lit-tfal fl-ewwel darba li rċevew lil Ġesù Ewkaristija dakinhar tal-praċett. Min jaf kemm kienu eċitati u ferħanin! Għidilhom li dak il-ferħ li ħassew dakinhar huwa importanti li jħossuh kull darba li jirċivuh.

- Staqsi lit-tfal dwar kif iridu jippreparaw ruħhom għat-tqarbin. Agħmel enfasi fuq il-qrar. Agħmel xebh bejn xi ħadd li jkun qed jistenna xi mistieden importanti d-dar tiegħu. Kemm idum jipprepara u jnaddaf id-dar ħalli meta jasal il-waqt lill-mistieden jilqgħu bl-aħjar mod. Hekk ukoll aħna qalbna trid tkun nadifa u bla dnub meta jiġi ġewwa fina Ġesù u dan isir biss jekk aħna nitolbu maħfra fis-sagrament tal-qrar.

- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.7 u wara li taqra u tispjega s-silta mogħtija, staqsi lit-tfal x'inhi l-istampa li jridu jpingu.

- Stieden lit-tfal ipinġu l-istampa.

- Stieden lit-tfal jgħaqqdu n-numri u jiktbu fil-vojt x'uża Ġesù fl-Aħħar Ċena.

- Biex torbot mal-lezzjoni li jmiss, staqsi lit-tfal: Qabel ma nersqu lejn is-sagrament tal-Ewkaristija x'irridu nagħmlu bħala Nsara tajbin? U kif inqerru tajjeb? Għid lit-tfal li fil-lezzjoni li jmiss se jidħlu aktar fid-dettal dwar il-qrar.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Fl-Aħħar Ċena Ġesù waqqaf is-sagrament tal-Ewkaristija.
2. Huwa bidel il-ħobż u l-inbid fil-ġisem u d-demm tiegħu.
3. Biex inkun nista' nirċievi lil Ġesù mingħajr dnub, l-ewwel irrid inqerr.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal jgħixu ma' xulxin fil-klassi f'ambjent ta' għajnuna u ferħ.
- It-tfal juru li huma ferħanin għaliex jirċievu lil Ġesù fihom.




## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Ikklonkludi l-lezzjoni billi tkantaw il-kanzunetta 'Nerqsu lkoll hienja'.

## Nitolbu

Ġesù, grazzi talli trid tiġi ġewwa fija.

Agħmel li dejjem nibqa' nirċevik.